# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 4/2019

12 ta' Marzu, 2019

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi-Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |
| Carlo Stivala | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

4.1 Qarti tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala kien ser jattendi aktar tard.

4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

4.2.1 Is-Sindku qal illi ref punt 3.2.1 (Triq San Tumas), flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien attenda żewġ laqgħat, waħda għand l-avukat tagħna flimkien mal-kuntrattura u l-avukat tagħha u oħra flimkien mal-Arpa.

Is-Sindku qal illi mill-laqgħa li kellna għand l-avukat jidher illi fl-aħħar il-kuntrattura tidher li ser iċċedi u ser tirranġa l-wiċċ tal-parti tan-nofs tat-triq. Is-Sindku qal illi issa s-surveyor tagħna kien għamel il-marki tal-għoli tat-triq sabiex il-kuntrattura tkun tista' żżomm magħhom.

Is-Sindku qal illi mil-laqgħa li kellna mal-Arpa jirriżulta li jekk l-kuntrattura tibqa' ssostni li ma tridx tirranġa l-parti ħażina tat-triq u aħna nagħżlu li nqabbdu kuntrattur ieħor sabiex jirranġa x-xogħol tagħha, il-Kunsill irid iħallas huwa għax-xogħol imbagħad infittxu l-kuntrattur għal-ispejjeż li nkunu għamilna. Is-Sindku spjega wkoll illi l-flus allokati għall-istess parti tat-triq jintilfu bħala grant.

4.2.2 Is-Sindku qal illi ref punt 3.2.2 (Yellow lines Triq San Ġorġ) kien mar fuq il-post mal-ħaddiema u għandhom jagħmluhom.

4.2.3 Is-Sindku qal illi ref punt 3.2.3 (planting scheme) tal-Cleansing Department kienu naddfu l-post u s-siġar kienu tħawlu. Is-Sindku qal illi permess għal *fensing* sabiex indawru s-siġar ma jtunix għaliex qiegħed f'żona rurali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet ħierġa l-aħħar miżura għal ħitan tas-sejjieħ u kienet ser tara jekk nistgħux naplikaw sabiex isiru ħitan tas-sejjiegħ mill-ġdid f'żoni rurali.

Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala daħal għal laqgħa 17.27

4.2.4 Is-Sindku qal illi ref punt 3.2.4 (sqaq Ħannux) ix-xogħol kien tlesta. Il-Viċi Sindku staqsa jekk kinitx saret is-sleeve sabiex jekk jinqala' xi ħsara ma jitkissirx l-isqaq u s-Sindku kkonferma li saret. Is-Sindku qal illi l-President tar-Reġjun Nofsinhar kien talab sabiex issir plakka li turi li x-xogħol kien sar b'fondi minn Reġjun Nofsinhar.

4.2.5 Is-Sindku qal illi ref punt 3.2.5 (Triq il-Feniċi) ix-xogħol kien tlesta wkoll.

4.2.6 Is-Sindku qal illi ref punt 3.2.6 (attivita' Blue Light Foundation) kien ħareġ il-poster. Is-Sindku ta rendikont ta' x'entitajiet kienu ser jieħdu sehem u x'attivitajiet kienu ser isiru għal waqt din l-attivita'

4.2.7 Is-Sindku qal illi nhar il-Ħadd 31 ta' Marzu kienet ser tiġi l-Blood Donation Unit fil-pjazza ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk kellux isir xi permess għal din l-attivita'.Il-kunsill qabel li għal din l-attivita' ma kellnix bżonn permess għaliex kienet ser tokkupa l-parking spaces li hemm fil-ġenb tal-każin.

4.2.7 Is-Sindku qal illi ref punt 3.2.10 (kuntratt għar-restoration Ġnien Sir Alexander Ball) kien intrebaħ u issa kien fadal li nagħmlu l-kuntratt sabiex ikun jista' jibda.

4.2.8 Is-Sindku qal li ref punt 3.3.1 (pompa għal Misrah San Gużepp) kienet ser tiġi diskussa aktar il-quddiem.

4.2.6 Is-Sindku qal illi ref punt 3.3.3 (esebizzjoni pittura) kien iltaqa' mal-pittur u kkonferma li ser jarma' fil-foyer tas-sala tal-iskola għas-serata tal-Premju Onoreficenza. Is-Sindku qal li l-pittur kien qiegħed jistaqsi jekk jistax jagħmel xogħolu għal bejgħ. Is-Sindku qal illi l-pittur offra li jaghti lill-Kunsill waħda mill-pitturi tieghu bħala rikonoxximent. Il-Kunsill qabel li jagħti l-permess lil pittur li jagħmel xogħolu għal bejgħ.

4.2.7 Is-Sindku qal illi ref punt 3.4.1 (mera fir-roundabout) kienet tneħħiet.

4.2.8 Is-Sindku qal illi ref punt 3.4.2 (landscaping) kien beda jħawwel f'xi postijiet u li għandu jkompli jħawwel f'postijiet oħra.

4.2.9 Is-Sindku qal illi ref punt 3.4.4 (tibdil fil-konfini maż-Żurrieq) l-emendi daħlu fil-ligi l-gdida tal-Kunsilli u għalhekk issa hija ufficjali minn naħa tad-dipartiment.

4.2.10 Is-Sindku qal illi ref punt 3.4.6 (sett tat-televixin fis-sala) kien tkellem mas-supervisor tad-day centre sabiex jara x'inhu l-użu tat-televixin fis-sala. Huwa qal illi t-televixin jinħtieg sabiex jintuża meta jkollhom xi presentation. Is-Sindku qal illi għal dan il-għan għandna l-overhead projector u għalhekk ma jħossx il-ħtieġa sabiex jeħel televixin ukoll.

4.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.3.1 Is-Sindku qal illi flimkien mas-segretarju Eżekuttiv kienu attendew laqgħa l-Gal Xlokk rigward il-mizura li ħierġa għar-restawr ta' statwi u niċeċ. Is-Sindku qal illi waqt din il-laqgħa kienu staqsew nistgħux nixtru statwi ġodda, pero'din il-miżura ħierġa għal restawr biss. Is-Sindku qal illi l-aħħar laqgħa konna issuġerixxejna li napplikaw sabiex isir ir-restawr tas-salib tad-dejma u l-istatwa li hemm fi triq San Pawl. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal forsi nistgħu napplikaw fuq iż-żewġ armi li hemm mal-faċċata tal-Każin tan-Nazzjonalisti. Il-Kunsill qabel.

4.3.2 Is-Sindku qal illi l-Perit tal-Kunsill ma jixtieqx ikompli wara din il-leġislatura minħabba pressjoni ta' xogħol li għandu. Is-Sindku qal illi tal-idea li fuq xogħolijiet żgħar nqabbdu Perit apparti għaliex qiegħed ikun diffiċli ħafna fuq dawn l-affarijiet żgħar ħafna. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.3.3 Is-Sindku qal illi kien iltaqa' mal-eletrixin minħabba l-ġibja f'Misraħ San Gużepp. Huwa qal li kien iltaqa' mal-electrixin minħabba l-applikazzjoni għal meter tad-dawl fl-istess post. Is-Sindku qal illi minħabba din l-applikazzjoni ser ikollna bżonn *compliance letter* minn Perit. Il-Kunsill iddiskuta dan is-suġġett u qabel li għandna naplikaw għal meter tad-dawl u li għandna nqabbdu Perit mir-raħal sabiex jagħmlilna l-*Compliance Letter.*

4.3.4 Is-Sindku qal illi rigward is-siġar li għadhom kif tħawwlu issa hekk kif miftiehem għandna nibdew insaqquhom. Huwa qal li l-istima għat-tisqija li rċievejna hija ta' €35 + 18% kull darba. Huwa qal illi jekk inżidu s-siġar Misrah Ħlantun u jkollna bżonn insaqqu ukoll il-prezz jitla' għal €40 + 18% Vat. Il-Kunsill qabel ma din l-istima.

4.3.5 Is-Sindku qal illi konna rċievejna korrispondenza sabiex nidentifikaw post/ijiet fejn jistgħu jitħawlu siġar sabiex jinħolqu bħal forestations żgħar. Il-Kunsill ippropona Triq San Anton fl-area tal-Ħlantun, u f'Misraħ Ħlantun lejn ta' Gawhar u qablu li għandna niddiskutu magħhom x'tip ta' siġar ser jitħawlu sabiex ma jkunux siġar b'għeruq ħoxnin li jistgħi jagħmlu ħsara lit-tarmak.

4.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi d-Dipartiment kienu bagħtu korrispondenza sabiex nuru l-interess li niksbu siġar ġodda sabiex jiżdiedu mal-kumpliment preżenti jew bħala sostitut ta' siġar li mietu jew ġarrbu ħsara bil-maltemp. Il-Kunsill iddiskuta l-lokalitajiet u qabel fuq dawn: *planters* quddiem Ġnien ta' Ball, Gnien Dun Karm Vella, u *planters* fuq iz-zuntier.

4.3.7 Is-Sindku qal illi t-Tender għal Embellishment Ġnien Sir Alexander Ball ħadd ma kien tefa' t-tender. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet iddiskutiet il-problema ta' procurement u problema minnhom jista' jkun li t-tender li ħriġna kien fih ħafna items li wieħed għandu jikwota għalihom. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi issa kienet ser tipprova toħroġ it-tender separatament, construction works għalihom u steel works għalihom. Hija qalet illi għal issa kienet reġgħet ħarġet it-tender għal construction works u li għaliha nittamaw li jkun hemm interess.

4.3.8 Is-Sindku qal illi Triq il-Kuċċard kif qiegħda bħalissa ġiet perikoluża ħafna. Huwa qal illi kien irċieva ilment illi resident li għandu garaxx skuntrat fl-istess triq qed isibha diffiċli ħafna sabiex jidħol u joħroġ mill-garaxx peress li l-garage skuntrat allura ma jkunx jista' jara l-karozzi li ġejjin minn Ħal Kirkop. Is-Sindku qal illi sid il-ġaraxx qiegħed

jissuġerixxi li ssir sleeping police quddiem l-plot vojta. Il-Kunsill qabel li ssir sleeping policeman f'dan il-lok.

4.3.9 Is-Sindku qal illi kien irċieva lment mingħand it-tabib sabiex isiru bollards ħoxnin mal-bankina fi Triq iż-Żurrieq għaliex qiegħed ikun hemm diversi inċidenti mal-faċċata tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandhom jeħlu bollards ħoxnin fuq il-bankina qabel ma jiġri xi aċċident fatali.

4.3.10 Is-Sindku qal illi hekk kif kien avża lil Kunsill, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum Ħal Safi, s-Sibt, il-Ħadd u t-Tnejn ser ikun hawn esebizzjoni tal-fdalijiet arkejoloġiċi li nstabu f'Ħal Safi. Il-Kunsill iddiskuta din l-esebizzjoni u qabel li l-aktar post ideali għal din il-wirja tkun fuq il-palk.

4.3.11 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva korrispondenza rigward konferenza li ser ssir fl-aħħar ta' Marzu 2019, fejn għal prezz ta' 200 Euros ikollna preżentazzjoni ta' għaxar minuti sabiex nitkellmu fuq l-esperjenzi tagħna fuq l-ewwel fażi tal-Community Based Tours li kellna Ħal Safi. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva.

4.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

4.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi s-soft area fejn iċ-ċimiterju għandha bżonn tinħarat.

4.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-għada tal-laqgħa u l-Erbgħa tal-Ġimgħa ta' wara kien ser ikun hemm l-eżercizzi fis-sala.

4.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet kif konna bqajna minħabba l-problema tal-ilma fix-xelter. Is-Sindku qal li tal-Water Services sabu xaqq fil-blat fl-entratura tax-xelter u għalhekk qabel ma nsolvu din il-problema ma tagħmilx sens li tiftaħ ix-xelters meta nieżel l-ilma.

4.4.4 1s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kienet problema li norganizzaw l-Isports Day għal Jum Ħal safi, u li ser ikollna Treasure Hunt nhar il-Ħadd 31 ta' Marzu wara nofsinhar.

4.4.5 Is-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi fl-aħħar ta' April kienet ser torganizza ħarġa.

4.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla ressaq ilment illi l-isfel minn Ġnien ta' Ball lejn T'Amparell kien hemm id-dawl maqtugħ kollu.

4.5 Jum Ħal Safi

4.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet ġabret żewġ kwotazzjonijiet għall-festin żgħir li nagħmlu nhar il-Ħadd għal Jum Ħal Safi. Hija qalet illi waħda mill-kwotazzjonijiet kienet għal prezz ta' 875.86 Euors waqt li kwotozzjoni oħra kienet għal prezz ta' 770 Euros. Il-Kunsill qabel li għandna nagħżlu l-irħas kwotazzjoni.

4.5.2 Is-Sindku qal illi għal waqt is-serata tal-Premju Onorifiċenza din is-sena jissuġerixxi li nistiednu lil Kor Sine Macula sabiex janimaw is-serata. Il-Kunsill qabel unanimament u qabel ukoll sabiex is-serata tkun aktar varja nistgħu nżidu bħal qari ta' poeżija jew proża.

4.5.3 Is-Sindku qal illi sabiex jintrebaħ il-Premju Onorifiċenza l-Kunsill għandu jaħtar Bord għal din is-sena. Huwa ssuġerixxa illi għandna nżommu l-bord tal-Onorifiċenza tas-sena l-oħra bl-eċċezzjoni tac-Chairperson u għalhekk il-Bord ser ikun magħmul min:

- Tarcisio Barbara (Chairperson)
- Paul Callus
- Eddie Bonello
- Charles Fenech
- William Grech

Bis-sostituti ta':

- Giljan Bonello
- Pauline Żammit
- Salvu Zammit
- Edwin Abdilla
- Jimmy Busuttil

4.5.4 Is-Sindku qal illi bħal snin oħra l-Kunsill jagħti rikonoxximent lil min kiseb xi tip ta' unur tul l-aħħar sena u għalhekk issuġerixxa illi din is-sena nagħtu rikonoxximent lis-Sur Cleaven Cutajar għaliex kien kiseb unur mondjali fil-Powerlifting championship tad-dinja. Il-Kunsill qabel.

4.5.5 Is-Sindku qal illi bħal snin oħra ukoll qiegħed jissuġerixxi illi l-Kunsill jagħti rikonoxximent lil min ikun ta' għajnuna lil Kunsill. Huwa ssuġerixxi illi din is-sena nagħtu rikonoxximent lil Charisse Agius u lil Dorian Baldacchino. Il-Kunsill qabel.

4.5.6 Is-Sindku qal illi s-sena l-oħra tajna rikonoxximent ukoll lil min ikun mar barra minn triqtu sabiex jagħtina għajnuna u għalhekk issuġerixxa li din is-sena nagħtu rikonoxximent lil żewġ persuni minn Infrastructure Malta ie: il-Perit David Vassallo u lis-Sur Roderick Caruana.Il-Kunsill qabel li jingħataw dawn ir-rikonoxximenti.

Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus ġie skużat mil-laqgħa 19:30

4.6 Skema Awtorita' tad-Djar

4.6.1 Is-Sindku qal illi kien hemm skema mill-Awtorita' tad-djar dwar il-manutenzjoni tal-komun fil-binjiet tal-Gvern. Huwa qall illi f'Ħal Safi l-unika binja tal-Gvern li għandna hija fi Trejqet Tarsu. Saret diskussjoni fuq din l-inizjattiva u l-Kunsill qabel illi għandna nagħtu l-għajnuna tagħna sabiex l-erba' familji li hemm joqogħdu f'din il-binja jkunu jistgħu jibbenfikaw mis-somma li hemm allokata għalihom.

Il-Kunsillier s-Sur Carlo Stivala ġie skużat mil-laqgħa 19:35

4.7 Korrispondenza

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn TCTC sabiex jerġgħu jsiru korsijiet tal-kompjuter għat-tfal fil-Kunsill tagħna. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva pero' s-Sindku ssuġerixxa illi għandna niċċekjaw ma' TCTC jekk nistgħux nintroduċu ħlas ta' €5 għal dawk l-applikanti li mhumiex residenti Ħal Safi sabiex inkunu nistgħu nkopru l-ispejjeż tad-dawl u t-tindif tas-sala u kif ukoll l-ispejjeż amministrattivi. Il-Kunsill qabel.

4.8 Korrsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

4.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-7.58 pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 9 ta’ April, 2019 fit-5:00pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |